DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Ottubru 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2006/588/KE li talloka l-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni provduta fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 lill-Istati Membri għas-snin 2006 sa 2012

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5534)

(2008/789/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 [1], u partikolarment l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/410/KE [2] tistipula l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis tal-pagamenti diretti stabbiliti bl-Artikoli 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għas-snin 2006 sa 2012, biex jintużaw għall-ispejjeż tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), għas-snin finanzjarji 2007 sa 2013.

(2) L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni, stabbilita bid-Deċiżjoni 2006/410/KE ġew immodifikati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/787/KE [3]. Din l-emenda taffettwa l-ammonti li jikkorrispondu għas-snin 2008 sa 2012. Dan sar, minn -naħa, minħabba ż-żieda fil-pagamenti bħala riżultat tar-riforma fis-setturi tal-frott u tal-inbejjed u, mill-oħra, minħabba t-tnaqqis tal-limiti nazzjonali stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, bħala riżultat tal-eżami mill-ġdid previst fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament imsemmi. L-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni stipulata fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għas-snin 2006 sa 2012 għandhom jiġu mmodifikati.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/588/KE [4] għandha għalhekk tiġi emendata.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2006/588/KE għandu jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.
[2] ĠU L 163, 15.6.2006, p. 10.
[3] Ara paġna 41 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[4] ĠU L 240, 2.9.2006, p. 6.

ANNESS

"ANNESS

Allokazzjoni lill-Istati Membri tal-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni stipulata fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għas-snin 2006 sa 2012

(EUR miljuni)

Stat Membru	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Il-Belġju	13,5	17,5	18,0	18,3	18,2	18,2	18,2
Id-Danimarka	24,8	31,2	33,3	33,4	33,4	33,4	33,4
Il-Ġermanja	157,5	199,1	206,4	207,5	206,8	206,8	206,8
L-Irlanda	26,8	33,0	35,1	35,2	34,5	34,5	34,7
Il-Greċja	47,5	59,6	64,1	64,3	61,3	61,3	61,4
Spanja	163,8	206,7	222,6	223,4	217,8	218,4	218,5
Franza	212,6	267,5	270,8	271,8	270,6	270,8	271,0
L-Italja	103,2	130,0	144,1	144,6	140,2	140,8	140,8
Il-Lussemburgu	1,0	1,2	1,2	1,2	1,2	1,2	1,2
L-Olanda	22,0	27,2	29,2	29,4	28,8	28,8	28,8
L-Awstrija	31,4	40,6	44,1	44,3	43,2	43,3	43,3
Il-Portugall	37,1	48,4	54,0	54,1	52,8	52,8	52,9
Il-Finlandja	15,1	19,0	20,5	20,6	20,2	20,2	20,2
L-Iżvezja	19,7	24,3	25,9	26,0	25,5	25,5	25,5
Ir-Renju Unit	108,0	135,7	136,4	136,7	136,3	136,3	136,3"